MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 10

11 ta' Frar 2020

Minuti tas-seduta Nru. 10 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 11 ta' Frar 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier E. Bartolo li talab jiġi skużat minħabba npenn ieħor permezz ta' imejl datat 11 ta' Frar 2020. Il-Kunsillier I. Castillo talab li jiġi skużat ukoll u ħalla s-seduta fis-6:53 pm minħabba npenn ieħor. Il-Kunsill dehrlu li r-raġunijiet mogħtija kienu validi.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament b'mod elettroniku.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 9 tat-13 ta' Jannar 2020 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Ipparkjar fi Triq Sammy Bartolo **(T/3/2/Vol XV)**

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għall-minuta 5.5.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li pparkjar esklussivament għar-residenti huwa permess skont ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummerċjali) – L.S. 363.80.

2.1.3. Il-Kunsill innota l-informazzjoni mogħtija, iżda kien tal-fehma li għalkemm dan il-kunċett huwa legali ma jidhirlux li għandu jiġi ntrodott fi Triq Sammy Bartolo, peress li jiżistu diversi toroq fil-lokalità li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, u għalhekk meta tali arranġament jinfirex fuq diversi toroq aktar jinħolqu problemi milli jiġu riżolti.

**2.2.1. Attività fi Triq Qasam Barrani (A/6/3/1/Vol 127)**

2.2.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta ta' qabel dwar l-attivitajiet li qiegħdin jorganizzaw il-Mellieħa S.C. Football Nursery fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju mit-twaqqif tagħhom. Gie spjegat li bħala parti mill-attivitajiet għandhom l-intenzjoni li jieħdu sehem f' *tournament* tal-futbol f' Agia Napa u għaldaqstant jixtiequ l-Kunsill biex jikseb tagħrif dwar din il-possibiltà. Intqal ukoll li ser jistampaw *sticker album* kommemorattiv għar-ritratti tal-plajers li rċevew taħriġ minn nursery tul t-tletin sena li ilha teżisti.

2.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li jagħti sehemu fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet billi jistabilixxi kuntatti mal-Muniċipalità ta' Agia Napa bis saħħa tal-ġemellaġġ li jiżisti mal-Mellieħa fuq bażi ta' Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li l-involviment tal-Kunsill għandu jkun fl-ispirtu ta l-sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), u fi kwalunkwe każ m'għandux jinvolvi iktar minn €800.

**2.3.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar (T/6/1Vol IV)(A/3/Vol III)**

2.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 2.15.1. tas-seduta preċedenti dwar il-*clean-up* li saret fl-inħawi tal-Fortizza ta' Campbell f'Selmun nhar is-Sibt 8 ta' Frar 2020. Hija qalet li ħadu sehem 35 persuna, li kienu ġejjin mit-Tim tal-Pulizija tal-Komunità, l-iScouts tal-Mellieħa, u Kunsillieri. Hija nnutat li s-Sinjuri Joseph Sciberras u Albert Attard ħadu sehem f'kull *clean-up* li ġiet organizzata mill-Kunsill attwali.

2.3.3. L-istess Kunsilliera aċċenna ukoll għat-tħawwil ta' siġar li għandu jsir bħala parti mil-*Grow Ten Trees Project*. Billi għadu ma nstabx post fejn jsir it-tħawwil, qed tiġi mistħarrġa l-possibiltà li dan isir fil-Park tal-Majjistral.

2.3.4. Is-Sinjura R. Bartolo Cutajar għarrfet li fit-8 ta' Frar 2020 kellha laqgħa ma' delgazzjoni mill-Għaqda Siġar Maltin dwar il-possibiltà li jitħawwlu siġar u arbuxxelli, anke fi qsari kbar u mhux neċessarjament fuq art fejn hemm il-ħamrija. L-għaqda qed tistenna li l-Kunsill jindikalha l-postijiet fejn dan jista' isir.

2.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. B*ins* għall-*filters* tas-sigaretti (L/5/Vol II)**

2.4.2. Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.16.2. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-bins imsemmija twaħħlu fil-postijiet indikati.

2.4.3. Il-Viċi Sindku qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur responsabbli mit-tindif tat-toroq sabiex ibattalhom regolarment.

**2.5.1. Ħidma mal-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)**

2.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 6.5 tas-seduta ta' qabel u għarrfet li hija flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo qed jassistu l-Kuntistabbli C. Scicluna mit-Tim tal-Pulizija tal-Komunità fl-*Environment Visual Audit* dwar iż-żona ta' Santa Marija Estate. Fil-fatt saret spezzjoni fit-18 u fit-23 ta' Jannar u ser issir oħra fil-15 ta' Frar 2020, fejn diġa ġew identifikati numru ta' fatturi li jeħtieġ jiġu trattati. Hija ressqet rapport parzjali wara l-ispezzjonijiet imsemmija.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Proġett taħt il-programm ERASMUS+ (P/10/35)(P/10/36)**

2.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.9.2. u għarraf li ser issir laqgħa fl-14 ta' Frar 2020 mal-*European Programmes Agency (EUPA)* dwar il-*workshop* bl-isem *LGBTIQ Rights at the Heart of the EU*. Huwa qal ukoll li trid tiġi ffissata d-data taż-żjara preparatorja biex imbagħad ikun jista' jiġi mgħoddi l-finanzjament preliminari.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Taħditiet dwar kundizzjonijiet ortopediċi** **(M/8/Vol VI)**

2.7.2. Il-Kunsillieri A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li t-taħditiet imsemmi ser isiru fl-4, l-11, u l-25 ta' April 2020 fis-Sala tal-Kunsill. Dawn ser ikunu ta' siegħa u nofs-il waħda.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Rendikont Finanzjaju Milied Mellieħi 2019** **(A/5/3/7)**.

2.8.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u ressaq rendikont tal-ispejjeż marbuta mal-avveniment imsemmi. Huwa għarraf li n-nefqa totali kienet €29,789, li €13,000 minnha tħallset permezz ta' *sponsorship* dirett biex intramat it-tinda u għall-*performance* tal-Queen Tribute Band, kif ukoll pagament li sar lill-Kunsill mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Is-somma ta' €16,789 tħallset mill-fondi ordinarji tal-Kunsill, skont kif provdut fl-Estimi Annwali. In-nefqa totali qabżet l-baġit allokat b'€289.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Xogħlijiet fi Triq Lewis Wettinger** **(T/4/4/Vol II)**

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar is-suġġett.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li skont it-tagħrif li għandu l-Kunsill, ser isiru *mains* ġodda mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fil-parti ta' Triq Lewis Wettinger fejn sar wiċċ bit-tarmak li huwa difettuż, u li għaldaqstant ser ikollu jsir mill-ġdid mill-kuntrattur konċernat. Il-partijiet ġew immarkati fuq il-post biż-żebgħa.

**3.2.1. Kolonja tal-qtates fl-Għadira** **(A/9)**

3.2.2. Kunsillier M. Abela rrefera għall-minuta 2.17.4. tas-seduta ta' qabel u staqsa jekk bdewx jingħataw *vouchers* fir-rigward il-qtates li ser jiġu affettwati bit-twaqqiegħ tal-Lukanda Mellieħa Bay. Huwa qal li minn kuntatti li kellu mas-Segretarjat, dawk kellhom jingħataw kulur differenti biex jintgħarfu.

3.2.3. Is-Segretarju qal li ser jiddiskuti mal-uffiċjal konċernata l-mod kif dawn ser jitqassmu, bil-għan li tiġi stabbilita l-proċedura.

**3.3.1. Ħajt imġarraf fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard** **(W/2/Vol II)**

3.3.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa fiex wasal il-proċess biex jinbena l-ħajt imsemmi.

3.3.3. Is-Segretarju wieġeb li f'laqgħa li saret mal-Ing. S. Riolo mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sar magħruf li x-xogħol ġie assenjat lill-kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ wara li saret sejħa għall-offerti.

**3.4.1. Sinjali tal-karreġġjata fi Triq il-Mellieħa** **(T/5/1/Vol II)**

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef, ippropona li jergħu jinżebgħu l-linji tal-karreġġjata fi Triq il-Mellieħa.

3.4.3. Is-Segretarju wieġeb li s-sinjali reġgħu nżebgħu riċentement fl-aktar postijiet sensittivi biss, minħabba r-raġuni li Infrastructure Malta għandha pjanijiet li tagħmel titjib f'din it-triq.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 11/02/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 09/01/20 – 31/01/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 11/01/20 – 07/02/20;
- Abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2019;
- Minuti – Bord tal-Park tal-Majjistral – 05/02/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Tindif fl-imsaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)

5.1.2. Saret referenza għal ittra datata 26 ta' Jannar 2020, mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn għarrfu lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju ġewwa l-imsaġar tal-Aħrax fis-26 ta' Jannar, fid-9, 16 u 23 ta' Frar, u fl-1 u t-8 ta' Marzu 2019. Huma appellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom *open skip* fid-dati msemmija, kif ukoll jagħmel tajjeb għal spejjeż oħra kkalkulati li jlaħħqu €300.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkoraġġix inizjattivi ta' dan it-tip li jinvolvu tindif ta' postijiet aċċessibbli għall-pubbliku.

### 5.2.1. PA 9876/19 – Bini mill-ġdid tal-lukanda Mellieħa Bay (P/5/8/G)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Jannar 2020, mibgħut mill-Kunsillier G. Micallef fejn jaċċenna għal rapporti li dehru fil-ġurnali dwar l-iżvilupp mill-ġdid tal-Lukanda Mellieħa Bay. L-istess rapport jgħidu li dan jinvolvi tkabbir tal-*footprint* minn kif kien oriġinarjament, u għaldaqstant ippropona li l-Kunsill għandu:

- Jitlob it-tagħrif kollu disponnibli għall-iskrutinju tal-proġett;
- Iqabbad perit biex jiġi studjat dan l-iżvilupp u jiddetermina jekk hux konformi mal-*policies* fis-seħħ;
- Jara jekk l-Awtorità tal-Ippjanar hijiex ser titlob *Planning Gain*, mal-ħruġ tal-permess; u
- Jara l-impatt li dan il-proġett iħalli fuq l-infrastruttura eżistenti, fosthom l-ilma, drenaġġ, u l-elettriku.

5.2.3. Il-Kunsill innota li għalkemm jista' jsegwi l-proċess indikat, kien tal-fehma li għadu prematur biex dan jinbeda. Dan billi ġie nnutat li sad-data tas-seduta, id-dokumentazzjoni marbuta mal-applikazzjoni in kwistjoni kienet għadha ma ttellgħitx fis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar. Ġie nnutat ukoll li fi proġett ta' din il-portata, il-Kunsill Lokali jkollu d-dritt tal-vot meta il-Bord tal-Ippjanar jiddeċiedi fuq it-talba.

5.2.4. Intant permezz ta' imejl datat 7 ta' Frar 2020, l-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent għarrfet li l-proġett jitlob li jsir *Environment Impact Assessment* u għaldaqstant talbet lill-Kunsill jinfurmaha dwar xi aspetti li għandhom jiġu nklużi fit-termini ta' referenza relattivi.

5.2.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-iżviluppaturi talbu laqgħa mal-Kunsill sabiex jispjegaw l-intenzjonijiet tagħhom. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir fit-18 ta' Frar 2020 fis-6.00pm.

### 5.3.1. Attività b'riżq Puttinu Cares (S/6/Vol IV)

5.3.2. Saret referenza għal ittra data 15 ta' Jannar 2020, mibgħuta mis-Società Filarmonica La Vittoria fejn appellaw lill-Kunsill jikkontribwixxi għall-attivitajiet li qed jiġu organizzati

b'riżq il-Fondazzjoni Puttinu Cares, li ser jiżvolġu f'Misraħ il-Parroċċa fl-1, is-7 u t-8 ta' Marzu.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-liġi ma tippermettix donazzjonijiet, iżda qabel li jikkontribbwixxi għal aspetti oħra marbuta mal-attività, kemm-il darba dan ikun meħtieġ, fl-ispirtu ta l-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), u fi kwalunkwe każ m'għandux jinvolvi iktar minn €300.

### 5.4.1. PA 0520/20 – Żvilupp fil-Wied Ta' Ruman (P/5/8/R)

5.4.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Jannar 2020, mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn intqal li saret applikazzjoni għal xogħlijiet ta' inġinerija li saru bla permess skont l-Ordni ta' Infurzar 523/11, terġa tinbena kamra mill-ġdid u jissewwew żewġ ġwiebi, jinbnew ħitan tas-sejjieħ u ssir xatba. Waqt is-seduta l-Kunsill ġie muri pjanta bir-referenza 44c, sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar mill-applikant, li turi l-postijiet fejn saru, jew fejn huma proposti li jsiru l-interventi.

5.4.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-każ ta' applikazzjonijiet oħra li jinvolvu l-istess inħawi – PA 306/19 u PA 310/19, kienet saret oġġezzjoni għall-bini ta' serer, kmamar għall-pompi, u imħażen, mil-lat estetiku.

5.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li fir-rigward tal-bini mill-ġdid tal-kmamar għandu jinżamm il-*footprint* tal-binjiet eżistenti.

5.4.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir xatba *per se'*, madankollu qabel li għandha tittieħed din l-opportunità sabiex titneħħa l-istruttura tal-konkos li saret minn naħa għal'oħra tal-wied u tinbidel ma' oħra li sservi għall-istess skop, però b'disinn li jmur mal-ambjent rustiku tal-madwar.

### 5.5.1. Sewqan perikoluż fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XV)

5.5.2. Saret referenza għal ilment li sar mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali sabiex issir *speed hump* qrib *boathouse* Nru. 8, Sezzjoni D, fir-Ramla tat-Torri l-Abjad.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba m'għandhiex tintlaqa' peress li t-triq mhijiex skemata.

### 5.6.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ġuże' Flores (T/3/2/Vol XV)

5.6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret proposta permezz tal-Pulizija tal-Komunità sabiex issir *speed hump* fi Triq Ġuże' Flores qrib il-kantuniera ma' Triq Mario de Vasi'.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-post indikat m'għandu xejn differenti minn toroq oħra fl-istess żona u għalhekk iddeċieda li għandu jinżamm l-arranġament eżistenti.

### 5.7.1. Ipparkjar fi Triq id-Deru (T/3/2/Vol XV)

5.7.2. Sar aċċenn għal imejl datat 29 ta' Jannar 2020, fejn il-Kunsillier M. Abela talab li jsiru linji sofor doppji minħabba illi l-waqfien ta' vetturi qed jimblokkaw l-karreġġjata.

5.7.3. Ġie osservat li jeżistu toroq oħra fil-lokalità fejn il-wisa' tagħhom huwa inqas minn dak ta' Triq id-Deru, fejn l-ipparkjar huwa permess. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill qabel li għandha ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta.

### 5.8.1. Indafa u kontroll fuq l-ikkampjar ġewwa l-Aħrax (L/5/Vol II)

5.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li ssir laqgħa ma' delegazzjoni mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa u l-Pulizija tal-Komunità bil-għan li jiġi determinat kif jista' isir aktar infurzar tal-*bye-laws* u liġijiet oħra relevanti mas-suġġett.

5.8.3. Il-Kunsill approva l-proposta..

### 5.9.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ramlet il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Jannar 2020, fejn il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 7 tat-13 ta' Novembru 2019. Huwa aċċenna wkoll għal filmat li ttieħed fl-istess triq li juri vetturi jinstaqu b'veloċità qawwija. Is-Sur Castillo appella lill-Kunsill jikkonsidra mill-ġdid d-deċiżjoni li ttieħdet.

5.9.3. Il-fehma ġenerali tal-Kunsill kienet li f'toroq tat-tip ta' Triq Ramlet il-Qortin m'għandhomx isiru *speed humps*, iżda jistgħu jittieħdu miżuri inqas drastiċi bħalma huma *rumble strips* li permezz tagħhom is-sewwieqa jsiru aktar konxji tal-veloċità li jkunu għaddejjin biha. Dawn jistgħu jsiru fimkien ma' *roundels* biż-żebgħa li jindikaw il-veloċità massima applikabbli għal toroq f'żoni mhux mibnija, sa massimu ta' 80 kilometru fis-siegħa, skont l-Artiklu 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11).

5.9.4. Il-Kunsill qabel ukoll li Triq Ramlet il-Qortin għandha tinqasam fi tliet partijiet, b'serjè ta' rumble strips f'kull waħda. Rappreżentazzjoni f'dan is-sens għandha ssir ma' Transport Malta.

### 5.10.1. Ipparkjar fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XV)

5.10.2. Inqara imejl datat 29 ta' Jannar 2020 fejn il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni li minn għandu garaxx fin-naħa ta' ġewwa nett fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi qed isib diffikultà biex jidħol u joħroġ minnu minħabba vetturi li jkunu pparkjat faċċata tiegħu. Għaldaqstant intalab sabiex jiġi pprojbit l-ipparkjar fuq dik in-naħa tat-triq.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex ma jkunx hemm ipparkjar quddiem il-garaxx in kwistjoni.

### 5.11.1. PA 11231/18 – Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira (P/5/8/G)(C/4/Vol IV)

5.11.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Frar 2020, mibgħuta minn Touring Club Malta, fejn il-Kunsill intalab jindika sit alternattiv wara li ġew żgumbrati mill-parkeġġi tal-Għadira.

5.11.3. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa nfurmat li l-proġett tal-parkeġġ ser jinqasam f'żewġ fażijiet, bl-ewwel waħda titwettaq qabel is-sajf 2020, filwaqt li t-tieni fażi tibda eżattament kif jispiċċa l-istaġun. Huwa qal ukoll li l-indentifikazzjoni ta' sit alternattiv għall-*caravans* u *campers* qed tiġi kkunsidrata mal-awtoritajiet kompetenti.

5.11.4. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-vijabilità tal-parkeġġ meta jitqies li jeħtieġ superviżjoni matul is-sena kollha, peress li d-domanda għalih teżisti waqt ix-xhur tas-sajf.

5.11.5. Il-Viċi Sindku qal li matul ix-xhur tax-xitwa dan jista' jintuża bi ħlas għat-tqegħid tal-opri tal-baħar li jittellgħu l-art.

5.11.6. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tingħata tweġiba lit-Touring Club Malta skont it-tagħrif mogħti fil-minuta 5.11.3. aktar 'il fuq.

### 5.12.1. Proġett "Darba f'Sena" (E/4)

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-fotografi Giola Cassar u Yanika Borg ħolqu l-proġett imsemmi, illi jinvolvi fotografar ta' persuni li jattendu f'lejlet il-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa u f'dik tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. L-aċċenn ikun fuq l-ilbies illi jilbsu nies differenti li minnu toħroġ l-identità tagħhom. Membri tal-pubbliku li jkollhom rwoli differenti fil-festa jiġu mistiedna jieħdu ritratt u jgħidu xi tħejjijiet ikunu għamlu biex marru għall-festa, u hekk toħroġ il-personalità tal-persuna fotografata. L-intenzjoni hi li x-xogħlijiet kollha jinġabru f'wirja li tittella' fil-Mellieħa u f'Ħaż-Żabbar fil-festa tas-sena ta' wara, kif ukoll f'sit elettroniku. Is-Sur Castillo qal li l-Kunsill qed jintalab jippromwovi l-proġett u jindika meta tista' issir il-wirja.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li l-wirja tista' tittella' waqt l-Iljieli Melleħin 2020.

**5.13.1.** ***Easter Hat Competition*** **(K/7)**

5.13.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li ssir il-kompetizzjoni msemmija bħala parti mill-*Innovation Lab* bil-għan li tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u krejattività fost it-tfal fl-etajiet bejn is-sitt u l-għaxar snin. Il-kompetituri jkunu mistennija jinkludu l-kuluri u l-istemma tal-Kunsill. Ix-xogħlijiet mqassma fi tliet kategoriji skont l-età jiġu evalwati minn tliet persuni bħala ġurija nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2020 waqt attività li sseħħ fit-teatru Grieġ fi Ġnien il-Qigħan. Ġie propost li jkun hemm tliet premjijiet f'kull kategorija, filwaqt li jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Kien propost ukoll li l-attività tiġi animata permezz ta' żfin mill-istudenti ta' Artemocion Dance Studio.

5.13.3. Il-Kunsill approva l-attività.

**5.14.1.** ***Bus stop*** **fi Triq Dun Manwel Grima** **(T/5/1/Vol II)**

5.14.2. Il-Kunsillier G. Micallef, ġibed l-attenzjoni li kien jeżisti il-*bus stop* "Grima" fit-triq imsemmija qrib il-knisja tal-Manikata. Huwa qal li dan kien tneħħa għal xi raġuni u ma reġax sar.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta.

**5.15.1. Bandla għall-persuni b'diżabilità** **(P/4/14)**

5.15.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li bandla tat-tip imsemmi illi tinsab fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ jeħtieġ li tissewwa, flimkien mat-tapit ta' taħtha.

5.15.3. Is-Segretarju qal li ttieħdu passi sabiex jinbidel it-tapit u tissewwa l-bandla.

**5.16.1. Festival tal-Baned u l-Logħob tan-Nar** **(A/5/5/Vol VII)**

5.16.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għat-tagħrif li huwa ta fis-Seduta Nru. 8 tas-16 ta' Diċembru 2019, dwar l-avveniment imsemmi, li ser jittella' mir-Reġjun tat-Tramuntana. Huwa qal li l-baned Imperial u La Vittoria, flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina ntalbu jipparteċipaw fil-lokalitajiet tar-Rabat l-Imġarr u l-Mosta fil-15, 16 u 17 ta' Mejju 2020. Huwa qal li ser ikun f'pożizzjoni li jgħaddi l-programm finali aktar 'il quddiem.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Xandir mil-lokalità fuq Calypso Radio** **(M/3/Vol III)**

5.17.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 30 ta' Jannar 2020 mibgħut minn Calypso Radio dwar offerta biex jixxandar programm dirett mil-lokalità li jkun jitratta ntervisti dwar il-promozzjoni ta' xi aspett fl-istess lokalità. Fil-każ li l-programm ikun fuq ġurnata waħda l-ispiża tkun ta' €472 u €590 kuljum jekk il-programm isir fuq jumejn.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** **(W/2/1)**

5.18.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-żewġ laqgħat li saru fit-30 ta' Jannar u fis-6 ta' Frar 2020 mal-Ing. Stefan Riolo mill-Korporazzjoni msemmija. Huwa għarraf li l-ewwel waħda kienet isseġwi laqgħa oħra li saret mal-Bord tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta. Din kienet dwar il-kordinazzjoni tax-xogħlijiet b'rabta mat-tħaffir ta' trinek sabiex tittejjeb id-distribuzzjoni ta' *new water* fl-inħawi tal-Prajjet u fil-Manikata. Għall-ewwel waħda attendew il-Viċi Sindku J. Buttigieg u Kunsillier E. Bartolo, flimkien miegħu. Fit-tieni laqgħa ġew diskussji problemi marbuta mad-drenaġġ fiż-żona ta' Santa Marija Estate u li għaliha flimkien mas-Sindku, attendew rappreżentanti mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate – is-Sinjuri Sammy Vella u Joseph Gauci – u l-Kunsillieri I. Castillo u E. Bartolo. Is-Segretarju Eżekuttiv kien preżenti fil-laqgħat kollha.

5.18.3. Il-Kunsill innota l-kuntatti li kien hemm.

### 5.19.1. Ħatra ta' Sotto-Kumitat dwar l-Attivitajiet Kulturali (A/5/3/Vol IX)

5.19.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li permezz ta' ittra data 9 ta' Jannar 2020 huwa talab lill-għaqdiet mużikali, lill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina u lill-Grupp tal-Armar sabiex jinnominaw persuna fuq is-sotto-kumitat imsemmi.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-applikazzjoni fir-rigward tal-i*Sports Rally* ġiet sottomessa.

5.20.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.21.1. Pin Project (A/4/10)

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet ikkuntattjata mill-Kunsill tal-Arti dwar it-tqegħid ta' monument għoli ħames metri, forma ta' pin. Id-disinn tiegħu rebaħ konkors imniedi minn Infrastructure Malta, liema disinn ġie muri waqt is-seduta. Dan sar minn minn ditta ta' periti u oriġinarjament kellu jsir f'Ħal-Qormi iżda s-sit magħżul ma ġiex approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsill intalab jindika post alternattiv fil-Mellieħa.

5.21.3. Il-Kunsill iddiskuta diversi postijiet u kien hemm qbil li għandu jinstab post fil-Park tal-Majjistral bi ftehim mal-Bord tat-Tmexxija.

### 5.22.1. Stampar ta' *comic book* għat-tfal (1/3/Vol V)

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għall-inizjattiva tal-*comic book* għat-tfal ta' bejn tmienja u ħdax-il sena li jkun bil-Malti u l-Ingliż sabiex jitqassam lit-tfal tal-Ħames u s-Sitt Sena tal-Iskola Primarja. Hija spjegat bdew it-tħejjijiet għal din il-pubblikazzjoni u fil-fatt diġa tfasslet it-tema tagħha.

5.22.3. Is-Segretarju talab li ssir laqgħa mal-persuna konċernata qabel jitkomplew it-tħejjijiet.

5.22.4. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

### 5.23.1. Korsijiet – Tagħlim tul-il Ħajja - *Lifelong Learning* 2020/21 (E/3/1/5/Vol II)

5.23.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fl-4 ta' Frar kellha laqgħa mal-Kordinatur tal-korsijiet imsemmija dwar il-korsijiet li normalment isiru – il-Malti u l-Ingliż għall-barranin u fil-konverżazzjoni bil-Malti. Hija qalet li d-domanda għalihom mistennija tiżdied peress li sabiex persuna barranija taħdem f'Malta jrid ikollha livell ta' MQF Livell 1 fis-suġġetti msemmija.

5.23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Laqgħa mal-Kunsill Skolastiku (S/3/3)

5.24.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-21 ta' Jannar 2020 kellha laqgħa mal-Kunsill Skolastiku kollu fejn ġew diskussi s-suġġetti li ġejjin:

- L-involviment tal-Iskola fil-materjal li jiġi ppubblikat fil-magazin "Mill-Qiegħa għat-Tfal";
- Il-pubblikazzjoni tal-*comic book*;

- Parteċipazzjoni tat-tfal fl-attività "*Plant a Tree*" li ser issir fis-7 ta' Marzu 2020;
- Parteċipazzjoni f'Jum il-Ktieb fl-22 ta' April 2020;
- Parteċipazzjoni fl-"*Earth Day*" li ser issir fl-24 ta' April 2020;
- Xiri ta' kotba għall-Librerija Pubblika dwar kundizzjonijiet bħad-*dyslexia* eċċ;

5.24.2. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.25.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-ħarġa li jmiss ssir lejn il-Forti Manoel fl-20 ta' Frar 2020.

5.25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.26.1. Assemblea Ġenerali tal-EDEN (T/12/2/Vol II)

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-avveniment annwali msemmi ser isir fi Brussel fl-4 u l-5 ta' Mejju 2020, fejn il-Kunsill huwa mistieden jipparteċipa minħabba li huwa membru fl-EDEN Network.

5.26.3. Il-Kunsill approva l-attendenza tas-Sinjura Brincat Stellini.

## 5.27.1. Fik Ittamaw Missirijietna (P/3/5)

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-6 ta' Frar 2020 saret laqgħa mal-awtur tax-xogħol imsemmi – is-Sur David Muscat – fejn ġie diskuss il-kontenut tal-pubblikazzjoni u t-tqassim tiegħu. Aċċennat ukoll illi ser jintalbu stimi mingħand fotografi peress li jeħtieġ jittieħdu ritratti ta' diversi postijiet fil-Mellieħa.

5.27.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

## 5.28.1. Manutenzjoni meħtieġa fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

5.28.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li saret laqgħa fil-Park tal-Familja ma' uffiċjal minn SportMalta fejn ġiet indikata l-manutenzjoni li jeħtieġ issir, partikularment l-*open air gym* u d-dħul tal-ilma fid-*dressing rooms*. Għall-istess laqgħa kienu preżenti is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Segretarju C. Debono, u s-Sur S. Mifsud minn SportMalta. Huwa qal li l-aġenzija mistennija tibgħat ittra sabiex tikkommetti somma flus li jkopru parti mill-ispiża nvoluta.

5.28.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-istat tal-i*skate track* u staqsiet x'passi qed jittieħdu biex jitneħħa l-periklu li fiha.

5.28.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li xi xhur ilu kien sar ftehim biex jinksew il-ġnub bil-pjanċi tal-ħadid u jitneħħew ix-xfarijiet li kien hemm perikolużi. Irriżulta li l-kuntrattur baqa' ma għamilx ix-xogħol mitlub.

5.28.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir sejħa mill-ġdid għall-istimi sabiex jinstab kuntrattur ieħor li jkun jista' jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

## 5.29.1. *Tournament* tan-Netball (S/6/Vol VI)

5.29.2. Il-Kunsilliera K. Buttigieg ppropona li jiġi ospitat *tournament* tan-netball trijangulari bejn il-Mellieħa Netball Team u żewġ timijiet Ingliżi. Dawn ser ikunu Malta fil-31 ta' Marzu 2020, filwaqt li l-logħob ikun jista isir waqt il-ħinijiet tal-kustodju, bejn l-10.00am u s-1.00pm. Is-Sindku ntalab jippreżenta medalji lill-parteċipanti.

5.29.3. Il-Kunsill laqa' t-talba.

## 5.30.1. Taħditiet għaż-żgħażagħ (Z/1/Vol V)

5.30.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ppropona li jsiru taħditiet immirati lejn iż-żgħażagħ fuq suġġetti topiċi bħalma huma s-*cyberbullying*, l-abbuż tad-droga ecc. Ġie ssuġġerit li l-ewwel waħda tkun tittratta s-*cyberbullying* u tingħata minn uffiċjal fit-Taqsima tas-Cyber Crime fi ħdan il-Korp tal-Pulizija bil-kollaborazzjoni tal-Pulizija tal-Komunità.

5.30.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta kif ukoll li l-ewwel taħdita tingħata fis-Sala tal-Kunsill fit-28 ta' Frar 2020 fit-8.00pm.

## 5.31.1. *Bins* għall-iskart tal-klieb (L/5/Vol II)

5.31.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li jeħtieġ isiru *bins* tal-klieb fix-Xatt ta' Santa Marija, Triq il-Qasab, u fi Triq id-Denċi.

5.31.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 5.32.1. Ipparkjar fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XV)

5.32.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 2 tas-16 ta' Lulju 2019, fejn il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitwaħħlu l-*bollards* quddiem il-Valyou Supermarket, bejn Triq il-Fortizza u Triq in-Nases, peress li r-restrizzjonijiet eżistenti huma ċari biżżejjed. Hija talbet li din id-deċiżjoni tiġi rikonsidrata peress li l-linji sofor qed jiġu njorati u għaldaqstant talbet li jitwaħħlu tabelli *No Stopping*.

5.32.3. Il-Kunsill sostna d-deċiżjoni tiegħu, kemm għar-raġuni mogħtija fil-minuta preċedenti, kif ukoll minħabba li t-tabelli proposti ma jmorrux estetikament quddiem binja ta' dik ix-xorta. Il-fehma ġenerali kienet li s-soluzzjoni għall-abbużi msemmija huwa l-infurzar tal-liġi..

## 5.33.1. Tqegħid ta' *partitions* quddiem stabbilimenti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/4/10/Vol II)

5.33.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Frar 2020 fejn l-operaturi ta' *Commando Bar & Restaurant* u *The Villagers* talbu sabiex jibdlu l-qsari eżistenti ma' oħrajn ġodda u jieħdu ħsiebhom huma. Talbu wkoll sabiex ipoġġu *partitions* tal-perspex armati fuq *frames* tal-ħadid bl-isem tal-istabbilimenti. Dawn jinżammu milli jinqalbu bir-riħ, billi jitpoġġew qsari fuqhom.

5.33.3. Ipproponew ukoll li jiksu t-taraġ ta' Triq il-Kappillan Magri sabiex jingħata dehra aktar attrajenti.

5.33.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talbiet li saru bil-kundizzjoni li:

(a) il-*perspex* tal-*partitions* ikun trasparenti u mingħajr reklami;

(b) il-*partitions* bil-qsari magħhom jitpoġġew fil-konfini approvati; u

(c) il-*clearance* tal-Kunsill ma teżentax lill-operaturi in kwistjoni milli jġibu l-permessi mill-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi.

## 5.34.1. Ipparkjar fi Triq San Ġorġ k/m Triq tas-Salib (T/3/2/Vol XV)

5.34.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni dwar ostakolu li qed jinħoloq b'vetturi pparkjati qrib il-kantuniera msemmija, liema pparkjar anke qed jaffettwa l-aċċess għal garaxxijiet li hemm fl-istess post.

5.34.3. Il-Kunsill qabel li l-projbizzjoni fil-kantunieri li tagħti l-liġi għandha tiġi mtennija bil-linji sofor.

### 5.35.1. Jum il-Premjazzjoni fl-iskejjel **(D/4/Vol IV)**

5.35.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li l-attività msemmija ser isseħħ fit-12 ta' Marzu 2020 fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa, u aktar tard fl-Iskola Sekondarja tan-Naxxar, fejn jattendu studenti Melleħin. Hija qalet li jkun xieraq illi jingħataw premjijiet lill-aktar studenti Melleħin li jinvolvu ruħhom fil-komunità.

5.35.3. Il-Kunsill approva l-għoti ta' sett ta' kotba ppubblikati mill-Kunsill, f'kull każ.

### 6.1. L-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2019 **(F/1/2/Vol VIII)**

6.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-iStatement of Comprehensive Income għall-2019 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,407,914 kontra nefqa rikorrenti ta' €1,490,524 u hekk is-sena spiċċat b'bilanċ negattiv ta' €81,981. Huwa spjega li dan l-iżbilanċ kien ferm inqas minn tas-sena ta' qabel meta kien sar *accounting exercise* wara l-ħruġ ta' Direttiva 1/2017. Permezz tagħha d-diprezzament fuq l-assi permanenti tal-Kunsill bdew jiddiprezzaw bi *straight line method* minflok b'*reducing method,* b'effett mill-2018.

6.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,329,575 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---:|
| Allokazzjoni Annwali | €1,190,025 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €69,506 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €1,927 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €68,117 |

6.4. L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ammont akkumulat dovut lill-Wasteserv Malta Ltd, liema somma tħallset direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Kien hemm dħul ta' €3,652 ġej minn *bye-laws* relatat ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet u permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ.

6.5. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €4,033, wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali. Fl-2019 ma kienx hemm dħul ġej mill-LESA, kif kien hemm hemm fis-sena 2018.

6.6. Ġie spjegat li kien hemm dħul ta' natura ġenerali li ammonta għal €70,654, marbut mal-iskemi li tniedi d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, illi jinkludu fost oħrajn l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema tal-Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, *sponsorships* li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ.

6.7. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti kibret b'9.3% minħabba żidiet statutorji li kien hemm f'dan ir-rigward, kif ukoll ġiet inġaggjata impjegata oħra b'effett minn Ottubru 2019.

6.8. F'dan li jirrigwarda n-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni kien hemm tnaqqis fl-ispiża tas-sena ta' qabel fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, filwaqt li kien hemm żieda ta' 6.2% f'dawk li huma servizzi kuntrattwali. Dan kien ikkawżat miż-żieda tal-ġbir tal-borża l-bajda tal-iskart organiku li l-ispiża marbuta magħha tiġi kkumpensata mill-Wasteserv (Malta) Ltd u murija bħala dħul.

6.9. Fil-każ tan-Nefqa fuq l-Amministrazzjoni, is-Sur Galea spjega li ma kienx hemm id-deprezzament li kien hemm fl-2018 marbut mal-eżerċizzju msemmi fil-minuta 6.2 aktar 'l fuq. Kien hemm infieq sinifikanti fuq transport marbut mal-kiri ta' *crew cab* għall-ħaddiema tal-Kunsill u s-servizz tal-*minibus shuttle* sakemm kien għaddej ix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni ta'

Triq il-Marfa. Kien hemm infieq sinifikanti fuq Servizzi Informattivi minħabba l-pubblikazzjoni tat-tieni volum tal-ktieb "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time).* Kien hemm ukoll żieda fin-nefqa ta' 13.8% fuq Attivitajiet Kulturali.

6.10. In-nefqa kapitali għall-2019 kienet tammonta għal €333,880, li €210,274 minnhom kienu marbuta ma' titjib tad-dwal fit-toroq li fil-parti l-kbira tagħhom kienu iffinanzjat mid-*Development Planning Fund* tal-Awtorità tal-Ippjanar. Hemm ukoll stokk ta' kotba li l-valur tiegħu huwa ta' €23,243, li jinkludi wkoll il-pubblikazzjoni li saret referenza għaliha fil-minuta 6.9. aktar 'il fuq.

6.11. Is-Sur D. Galea spjega li sal-aħħar tal-2019, il-Kunsill kien fadallu jdaħħal €277,754, li fil-parti l-kbira tiegħu huwa marbut mar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin fejn il-pagamenti waqqfu minħabba kwistjoni bejn il-kuntrattur konċernat u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Flimkien ma' dawn hemm ammont ta' €192,462 li €125,024 minnhom huma meqjusa bħala *doubtful debts*, li fil-parti l-kbira tagħhom huma ċitazzjoni antiki mhux imħallsa, u ammonti dovuti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jissewwew trinek li nftetħu minnhom.

6.12. Bħala *Cash and Cash Equivalent,* li effettivament huma flus iddepożitati fil-banek, kienu jammontaw għal €1,116,304. Bħala Self fuq Medda Twila ta' Żmien (*Long Term Borrowing*) tħallas l-aħħar pagament fuq l-ewwel fażi u ta' qabel l-aħħar fuq it-tieni fażi tal-proġett dwar il-kisi mill-ġdid ta' Triq l-Armier. Sal-aħħar tal-2019, id-Deferred Income laħħaq €476,884, li prinċipalment jikkonsisti f'somom dovuti mill-Wasteserv (Malta) Ltd għat-*tipping fees*, ammont dovut minn Transport Malta dwar Triq il-Qortin u fondi Ewropej marbuta mar-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun.

6.13. Ġie spjegat li sa Diċembru 2019, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €5,351,331 f'assi permanenti, wara li nqata' id-diprezzament fuqhom. Kien hemm ukoll €608,880 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji kienu jammontaw għal €1,091,327, filwaqt li kien hemm debitu dovut lill-Kunsill ta' €277,754. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €24,977 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill mqabbel ma' tas-sena ta' qabel. Dan kien ikkawżat minn dewmien fl-implementazzjoni ta' proġetti kapitali li diġa huma kkuntrattati. Minħabba din ir-raġuni, il-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 'il fuq minn 68%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 65%.

6.14. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lill-udituri appuntati minnu, u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 7.1. Kustodja tal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-aħħar ftehim li kien sar mal-Fondazzjoni ARKEO daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014 u skada fit-30 ta' Ġunju 2016.

7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-kustodja tal-*heritage trail* għandha tiġi assenjata mill-ġdid skont il-proċedura segwita fil-każ tat-Torri l-Abjad.

## 8.1. Sejħa għall-Offerti MLC 10/2019 – Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi *u Soft Areas* (K/6/3/Vol III)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-evalwazzjoni tal-offerti li saru kienet waslet fi stadju avvanzat billi sar rapport tekniku wara li ntalbu numru ta' kjarifiki. Intqal ukoll li fadal jitkompla l-proċess fuq l-ePPS u jsir ir-rapport bil-ġustifikazzjonijiet li wasslu għall-għażla tal-offerent preferut.

8.3. Sabiex ma jintilifx żmien fl-ipproċessar tas-sejħa, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat ta' Evalwazzjoni sabiex jinnotifika r-riżultati lill-offerenti.

**9.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/3/3/Vol IV)**

9.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għal-laqgħa li saret mal-Kunsill kollu fl-21 ta' Jannar u dik li saret mar-*Route Manager* tal-Malta Public Transport fl-24 ta' Jannar 2020. Fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-possibiltà li xi rotot illi attwali jgħaddu minn Triq il-Marfa, Ġorġ Borg Olivier u Kbira, jitneħħew u minflok jibdew jgħaddu minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger b'waqfa fi Triq Qasam Barrani.

9.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li din il-proposta tinvolvi ftit kilometraġġ addizzjonali, filwaqt li tqarreb is-servizz lejn ż-żoni residenzjali ta' Qasam Barrani u Ta' Pennellu, l-Iskola Primarja, id-Dar tal-Anzjani, l-Uffiċċju tal-Posta, u l- Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Fil-każ tal-aħħar hemm ukoll l-uffiċċji tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u t-Tim tal-Pulizija tal-Komunità. It-tarf ta' Triq il-Qasam Barrani huwa wkoll ftit passi bogħod minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Misraħ il-Parroċċa.

9.4. Sabiex jinstab bilanċ bejn ir-rotot prevalenti u dawk proposti ġie ssuġġerit li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jintalbu jikkunsidraw dan l-arranġament:

| **Rotot li għandhom jibqgħu minn Triq Ġorġ Borg Olivier** | **Rotot li għandhom jgħaddu minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger b'waqfa fi Triq Qasam Barrani** |
|---|---|
| Rotta 41 – Ċirkewwa – Valletta via Msida | Rotta 49 – Għadira – Valletta via San Pawl il-Baħar; Naxxar, Lija, B'Kara |
| Rotta 42 – Ċirkewwa – Valletta via Ħamrun | Rotta 221 – Ċirkewwa - Buġibba |
| Rotta 101 – Ċirkewwa – Mġarr via Tal-Prajjet (Popeye Village), Mellieħa, Manikata | Rotta 222 – Ċirkewwa – Sliema (Ferries) via San Pawl il-Baħar, Triq tal-Kosta, San Ġiljan |
| Rotta 250 – Għadira – Valletta via San Pawl il-Baħar, Burmarrad, Mosta, Sptar Mater Dei | Rotta X1 – Ċirkewwa – MIA via San Pawl il-Baħar, Triq tal-Kosta, Sliema |
| | Rotta X1A – Ċirkewwa – Paola (MCAST) via San Pawl il-Baħar, Coast Road, Tal-Qroqq, l-Università |
| | Rotta X1B – Ċirkewwa – MIA via Mellieħa Bypass, San Pawl il-Baħar, Cost Road, Sliema |

9.5. Il-Kunsill wasal għar-rotot proposti wara li qies frekwenza u l-ħinijiet tagħhom *vis-a-vis* id-destinazzjonijiet finali. Dawn jagħmluha possibbli li l-biċċa l-kbira tal-vjaġġaturi jkollhom żewġ għażliet f'dak li jirrigwarda l-*bus stops* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, jew fi Triq Qasam Barrani.

9.6. Ġie spjegat li l-arranġament propost jinvolvi wkoll l-introduzzjoni ta' venda *(interchange)* fi Triq Selmun viċin ir-*roundabout*. Il-karozzi tal-linja li jkunu fil-*Bypass* tal-Mellieħa lejn it-Telgħa ta' Selmun għandhom jieqfu fil-venda, filwaqt dawk ħerġin miċ-ċentru tal-Mellieħa jistgħu jniżlu u jittellgħu passiġġieri miż-żewġ *bus stops* li jinsabu fi Triq il-Kbira qrib ir-*roundabout* ta 'Selmun, mingħajr ma jkollhom jieqfu fil-venda proposta fi Triq Selmun.

9.7. Il-Viċi Sindku qal li l-proposti li għandhom l-appoġġ tal-Kunsill kollu, minbarra li għandhom ittaffu l-konġestjoni fi Triq Ġorġ Borg Olivier, għandhom ukoll itejbu l-kwalità tal-arja, filwaqt li joħloq ambjent aktar rilassat għan-nies li jiffrekwentaw it-triq. Is-Sur J. Buttigieg qal

li anqas konġestjoni tat-traffiku għandha tnaqqas il-ħin tal-vjaġġi u l-osservanza tal-iskeda tal-ħinijiet disponibbli onlajn.

9.8. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mat-Tim tal-Pulizija tal-Komunità, qabel issir rappreżentazzjoni mal-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

## 10.1. Estimi Finanzjarji 2020 u Pjan ta' Ħidma 2020-2022 (F/1/31)

10.2. Is-Segretarju għarraf li l-estimi u l-pjan ta' ħidma ġew aġġornati fid-dawl tad-diskussjoni fis-seduta preċedenti, kif ukoll il-laqgħat annwali li saru fil-Mellieħa u l-Manikata. Dawn issa qed jiġu ppreparata fuq bażi ta' *accruals*.

10.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:

***"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2019 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2019, kif deskritt fil-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2019, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-impjegati l-oħra eliġibbli, għandhom jitħallsu performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2019, skont il-perċentwali indikati fl-istess rapporti.".***
**(Wages)**

11.2. Il-*performance appraisal reports* dwar l-prestazzjoni ta' kull impjegat ġew imressqa waqt is-seduta mis-Sindku.

11.3. Fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil li qabel jitħallsu l-perċentwali ndikati fil-mozzjoni, għandha ssir rappreżentazzjoni mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu, skont il-proċedura stabbilita.

11.4. Is-Sindku D. Vella qal illi minkejja li huwa qed iressaq il-mozzjoni minħabba r-responsabiltà fir-rigward tal-impjegati, talab li jibqa' barra mid-diskussjoni u deċiżjoni dwar il-*performance bonus* tas-Sinjura Marvic De Bono, minħabba raġunijiet ta' parentela (kuġin). Dan kif huwa mitlub jagħmel skont l-Artiklu 20 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

11.5. Il-Kunsill approva l-mozzjoni, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

## 12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

12.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Frar 2020.

12.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.4. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn id-9 u l-31 ta' Jannar 2020.

12.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-11 ta' Jannar u s-7 ta' Frar 2020.

12.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.48 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**